MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 118/2002

Joseph Portelli f’ismu,
U bħala prokuratur tal-Imsiefra Bernardette Logon,
Skond id-degriet tal-25 ta’ April, 2008; u

Carmen Vella .

vs

Paul Portelli,
Peter Paul Portelli,
L-avukat Dr. Chris Said li b’degriet
tat-23 ta’ Dicembru, 2002 gie nominat kuratur deputat biex
jirrapprezenta lill-imsiefer William Portelli,
u b’nota tat-22 ta’ Jannar, 2003, Dr. Alfred Grech assuma
u accetta l-bandu ghan-nom ta’ l-imsiefer William Portelli;
u b’nota tal-15 ta’ April, 2003 William Portelli assuma l-atti
tal-kawza stante li jinsab f’dawn il-gzejjer;
u b’nota tat-13 ta’ Gunju, 2003

Dr. Alfred Grech assuma l-atti tal-kawza
minflok William Portelli li jinsab imsiefer .

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi huma kopropjetarji ta’ biċċa raba magħrufa bħala “Tal-Bitħa” fil-limiti tan-Nadur tal-kejl ta’ disat itmiem liema raba tifforma parti mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom, il-mejtin Salvu u Maria Portelli u mertu ta’ kawża għal diviżjoni ta’ l-istess ereditajiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti li ma tantx hemm ċans li tinqata’ malajr ;

Illi sakemm tinqata’ l-imsemmija kawża ta’ diviżjoni huma jridu li jaħdmu din ir-raba komuni pero’ ma jistgħux jaqblu kif jistgħu jaħdmuha bejniethom mingħajr ma jinqala’ l-inkwiet .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. tindika lill-kontendenti liema parti mill-imsemmija raba ‘Tal-Bitħa’ fuq indikata għandu kull wieħed minnhom jokkupa u jaħdem u dana sakemm ikun hemm diviżjoni definittiva fil-kawża ta’ diviżjoni li tinsab pendenti bejniethom u dana permezz ta’ perit nominandi .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament maħlufa minn Joseph Portelli.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Chris Said nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba .

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Portelli li eċċepixxa illi:

1. Illi l-konvenut Peter Paul Portelli qatt ma oġġezzjona li r-raba 'Tal-Bitħa' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex tinħadem mill-eredi kollha tal-mejtin Salvu u Maria konjuġi Portelli, anzi jrid li huwa wkoll jaħdem parti minn din l-istess raba stante li preżentament m'għandu l-ebda parti f'idejh ;

2. Illi għalhekk huwa m'għandu jbati l-ebda spejjeż f'din il-kawża aktar u aktar meta din il-kawża hija intempestiva ;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paul Portelli li biha eċċepixxa illi:

1. Illi in linea preliminari, din iċ-ċitazzjoni hija irrita, monka u nulla għaliex hija priva minn kull fondament ġuridiku. Ma huwiex mogħti dritt lil xi ko-eredi illi jitlob illi fil-mori tal-kawża ta' diviżjoni ta' assi ereditarji, it-tgawdija ta' xi raba partikolari formanti parti biss minn dak il-wirt tinqasam bejn uħud biss fost il-kondividenti. Għaldaqstant l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi .

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba odjerna hija biss waħda frivola u vessatorja peress illi għalkemm l-atturi qegħdin jitolbu il-permess sabiex jaħdmu din ir-raba, huma għandhom raba ieħor formanti parti mill-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom fil-pussess tagħhom, u dan ir-raba jinsab abbandunat u żdingat, kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut William Portelli li eċċepixxa illi:

1. Illi teżisti kawża għad-diviżjoni tal-proprjeta' posseduta in komun u għalhekk peress li t-talba f'din il-kawża hija waħda ta' natura proviżorja, dina l-kawża setgħet faċilment saret f'din il-kawża .

2. Illi fil-mertu li l-konvenut huwa wieħed mill-komproprejetarji għalhekk huwa ma jopponix għat-talba attriċi .

3. Illi l-eċċipjenti m'għandux ibati spejjeż għal din il-kawża .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat is-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju 2004 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Paul Portelli.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Marzu 2007 li rrimettiet l-atti lil din il-Qorti.

Innotat li l-atti ġew leġittimati b'diversi digrieti li ngħataw minn din il-Qorti in segwitu għal din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2009 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph P. Dimech sabiex jipprepara pjan ta' qasma tal-għalqa in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2010 u minnu maħlufa fl-istess ġurnata.

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża..

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu li pendenti l-eżitu ta' kawża għad-diviżjoni ta' l-assi mħollija lilhom mill-ġenituri tagħhom, il-kontendenti jkunu jistgħu jingħataw il-fakolta' li jokkupaw u jgawdu partijiet diviżi mir-raba "tal-Bitħa" limiti tal-Nadur, deskritta fiċ-ċitazzjoni, u li tifforma parti mill-beni in diviżjoni. Il-konvenut Paul Portelli kien qajjem eċċezzjoni preliminari f'dan ir-rigward. Permezz tas-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju 2004 din il-Qorti kienet qalet hekk:

"Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Paul Portelli jikkontendi illi mhux mogħti d-dritt lil ko-eredi li fil-mori ta' kawża għad-diviżjoni ta' assi ereditarji u sakemm tinqata' din il-kawża, jitlob li t-tgawdija ta' xi raba partikolari formanti parti minn dan il-wirt tinqasam bejn uħud mill-kondividenti biss.  Mhux kontestat illi bejn il-kontendenti hemm pendenti kawża għad-diviżjoni tal-beni ereditarji tal-ġenitiru tagħhom.[1] L-anqas hemm ebda dubbju illi talba għat-tgawdija tal-beni formanti parti l-eredita' in diviżjoni tista' wkoll ssir *pendente lite* l-hekk imsejħa *actio familiae erciscundae.* Infatti nsibu jingħad fid-dottrina legali illi: "*Potra' il magistrato essere adito per provvedimenti provisionali relativi al miglior godimento della cosa comune, ed il  magistrato come provvedimento provvisionale statuire che ciascun partecipante abbia in esclusione degli altri il godimento di singoli cose alla comunione appartenenti, ma non puo' statuire che ciascun partecipante ne abbia la proprieta' esclusiva*…" [2] Normalment talbiet simili jsiru fl-istess kawża għad-diviżjoni, imma ma jidher illi hemm xejn fil-liġi tagħna li tipprojbixxi li jsiru talbiet *ad hoc* f'dan ir-rigward. Il-ġurisprudenza ċċitata mill-konvenut Paul Portelli fin-nota

[1] Citaz. nru. 70/1993 quddiem din il-Qorti wkoll .
[2] Digesto Italiano vol. XXII. pte. 4 voce Successioni : Azioni Ededitarie para. 46 pag. 631 .

ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu[3] ma jidhirx illi hija applikabbli għal każ in eżami, għaliex f'dawk il-kawżi kienet qed tintalab id-diviżjoni parzjali ta' xi oġġetti formanti parti l-eredita' li kienet għadha mhux likwidata, jew inkella d-dikjarazzjoni dwar il-kwota spettanti lill-ko-eredi minn xi beni qabel ma l-eredita' kollha tkun ġiet likwidata, li ċertament mhux il-każ fit-talba preżenti.

Għandhom raġun josservaw ukoll l-atturi illi l-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili jippermetti lill-komproprjetarji jitolbu lill-Qorti tiddeċidi kif dawn għandhom igawdu l-ħaġa komuni, u ma ssir ebda distinzjoni dwar jekk ikunx hemm kawża għad-diviżjoni pendenti jew le….".

Billi in sewgitu għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Asppell tad-9 ta' Marzu 2007, l-atti ġew leġittimati u jirriżulta li din l-għalqa tappartjeni indiviżament bejn is-sitt kontendenti f'din il-kawża, l-Qorti għaddiet biex tinnomina perit arkitett sabiex jipprepara pjan ta' qasma dwar kif l-għalqa in kwistjoni tista' pendenti l-eżitu tal-kawża għad-diviżjoni ta' l-assi tal-ġenituri tagħhom, huma jkunu jistgħu jagħmlu użu u jikkoltivaw l-istess għalqa. L-A.I.C. Joseph Dimech qal li din l-għalqa tista' proviżorjament tinqasam billi tiġi diviża f'sitt porzjonijiet kif indikati minnu fil-pjanta annessa mar-relazzjoni tiegħu.[4] Il-konvenut Paul Portelli ma qabilx ma' dan il-pjan ta' qasma u ppreżenta nota għall-ħatra ta' periti perizjuri. Pero' mitlub mill-Qorti sabiex jagħti spjegazzjoni għal din it-talba huwa baqa' m'għamilx dan sakemm il-kawża tħalliet għas-sentenza.[5]

Din il-Qorti wara li eżaminat il-pjan ta' qasma propost mill-perit tekniku, jidrilha illi dan il-pjan ta' qasma, fejn l-għalqa *de quo agitur* ġiet maqsuma f'sitt porzjonijiet bejn wieħed u ieħor ugwali, u fejn kull wieħed/waħda mill-kontendenti jista' jkollu aċċess dirett għal parti tiegħu minn triq pubblika, huwa wieħed ġust u jimmerita konferma. Naturalment trid tittella x-xorti bejn il-kontendenti sabiex kull wieħed/waħda minnhom ikun jaf liema minn dawn is-

---

[3] ara in partikolari : John Fleri noe. vs Frank Caruana : Appell : 29.4.1935 ; kollez. vol. XXIX. I. 1203 b u l-gurisprudenza hemmhekk ikkwotata .
[4] ara pjanta a fol 130 tal-process .
[5] ara verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2010 a fol. 134 .

sitt *plots* ġiet tmiss lilu għall-fini ta' din it-tgawdija proviżorja.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, u tiddikjara illi r-raba "tal-Bitħa" limiti tan-Nadur, Għawdex, għandha tinqasam f'sitt porzjonijiet kif indikati fil-pjanta esebita mill-perit Joseph P. Dimech fir-relazzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Marzu 2010, u wara li tittella' x-xorti bejn l-istess kondividenti, ħaġa li għandha ssir fi żmien xahar mil-lum, tawtorizza lil kull wieħed u waħda minnhom sabiex jokkupa u jaħdem dak il-porzjon li jkun messu sakemm ikun hemm diviżjoni definittiva fil-kawża ta' diviżjoni li tinsab pendenti bejniethom.

L-ispejjeż tal-kawża, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 2007, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------